

Brussell, 26 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

11187/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0160 (NLE)

UD 192
COASI 116
POLCOM 240
ASIE 28

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 297 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Doganali stabbilit skont il-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-Programm Secure Trade Partnership Plus ta' Singapore u tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 297 final.

Mehmuż: COM(2026) 297 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.6.2026
COM(2026) 297 final

2026/0160 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Doganali stabbilit skont il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-Programm Secure Trade Partnership Plus ta' Singapore u tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Doganali stabbilit skont il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore fir-rigward tal-adozzjoni prevista tad-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-Programm Secure Trade Partnership Plus ta' Singapore u tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore

Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1875 u daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2019.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni doganali, il-Ftehim għandu l-għan li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet f'haġna oqsma, inkluż l-istabbiliment, fejn xieraq, tar-rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija kummerċjali rispettivi tagħhom, inklużi aspetti bħat-trażmissjoni tad-data u l-benefiċċji miftiehma b'mod reċiproku. Il-Ftehim 4 tal-Ftehim jappella lill-Partijiet biex jaħdmu lejn ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat rispettivi tagħhom u jaqblu dwaru.

2.2. Il-Kumitat Doganali

Il-Kumitat Doganali huwa kumitat speċjalizzat stabbilit skont l-Artikolu 16.2 tal-Ftehim. Skont l-Artikolu 6.17 tal-Ftehim, il-Kumitat għandu jiżgura l-funzjonament xieraq tal-Kapitolu 6 dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali u ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Ftehim relatati mad-dwana. L-Artikolu 6.17, il-paragrafu 2, tal-Ftehim jipprevedi speċifikament li l-Partijiet jistgħu jieħdu deċiżjonijiet fil-Kumitat Doganali dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija kummerċjali, u l-Ftehim 4 tal-Ftehim jipprevedi wkoll speċifikament li l-Partijiet għandhom jaqblu dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi rispettivi tagħhom b'deċiżjoni tal-Kumitat Doganali. Il-punt (d) tal-Artikolu 6.3, il-paragrafu 2, tal-Ftehim jistieden lill-Partijiet jistabbilixxu, fejn xieraq, ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija kummerċjali, inklużi aspetti bħat-trażmissjoni tad-data u l-benefiċċji miftiehma b'mod reċiproku.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Doganali

Matul it-tieni laqgħa tiegħu fl-2026, il-Kumitat Doganali se jadotta d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-Programm Secure Trade Partnership Plus ta' Singapore u tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea.

Il-fini tad-deċiżjoni tal-Kumitat Doganali (l-att previst) huwa li tipprevedi r-rikonoxximent reċiproku bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore tal-programmi ta' sħubija kummerċjali rispettivi tagħhom.

Kemm l-Unjoni Ewropea kif ukoll ir-Repubblika ta' Singapore għandhom fis-seħħ programmi ta' sħubija kummerċjali li jipprovdu faċilitazzjonijiet lill-operaturi ekonomiċi li

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1875 tat-8 ta' Novembru 2019 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (ĠU L 294, 14.11.2019, p. 1).

investew fis-sigurtà tal-katina tal-provvista tagħhom u li ġew iċċertifikati mill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru rispettiv fl-Unjoni Ewropea u fir-Repubblika ta' Singapore. Is-sigurtà, is-sikurezza u l-faċilitazzjoni tal-ktajjen tal-provvista tal-kummerċ internazzjonali jistgħu jittejbu b'mod sinifikanti permezz tar-rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija kummerċjali rispettivi, jiġifieri l-parti dwar is-sigurtà tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea u l-Programm Secure Trade Partnership Plus tar-Repubblika ta' Singapore. Dan se jippermetti lill-awtoritajiet doganali kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fir-Repubblika ta' Singapore jimplementaw kontrolli fil-fruntieri aktar effettivi filwaqt li jiffaċilitaw il-kummerċ leġittimu.

L-att previst se jsir vinkolanti għall-Partijiet f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 16.4 tal-Ftehim, li jipprevedi li l-Partijiet jistgħu jieħdu deċiżjonijiet fil-Kumitat tal-Kummerċ jew f'kumitat speċjalizzat, fejn dan ikun previst fil-Ftehim. Huwa previst fl-Artikolu 6.17, il-paragrafu 2, tal-Ftehim li l-Kumitat Doganali, li huwa kumitat speċjalizzat, jista' jieħu deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' programmi ta' sħubija kummerċjali. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu f'tali kumitat speċjalizzat għandhom jorbtu lill-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimplementaw dawk id-deċiżjonijiet. Il-Kumitat Doganali se japplika r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ², jiġifieri r-Regola 9 u r-Regola 13, meta jadotta l-att previst.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija kummerċjali jsaħħaħ is-sigurtà tul il-katina tal-provvista kollha u jiffaċilita l-kummerċ leġittimu. Dan jikkonsolida l-approċċ miftiehem fil-Qafas ta' Standards li Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali ("il-Qafas SAFE"). Dan jindirizza t-talba tal-komunità tan-negozju fl-Unjoni Ewropea u madwar id-dinja li l-istandards jiġu implimentati b'mod simili sabiex tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' rekwiżiti u Prattiki speċifiċi għall-pajjiż.

It-tqabbil fil-fond tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea u tal-Programm Secure Trade Partnership Plus tar-Repubblika ta' Singapore involva kemm tqabbil legali kif ukoll żjarat reċiproċi ta' validazzjoni fuq il-post f'żewġ Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u fir-Repubblika ta' Singapore biex tiġi vvalutata l-kompatibbiltà tal-implimentazzjoni Prattika tal-kriterji ta' sikurezza u ta' sigurtà fil-programmi ta' sħubija kummerċjali rispettivi tagħhom. Il-valutazzjoni tal-ekwivalenza tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea u tal-Programm Secure Trade Partnership Plus tar-Repubblika ta' Singapore tlestiet fl-2023 u żvelat li l-istandards ta' kwalifika għall-iskopijiet ta' sigurtà u sikurezza taż-żewġ programmi ta' sħubija kummerċjali rispettivi huma kompatibbli u jwasslu għal riżultati u benefiċċji ekwivalenti għall-operaturi ekonomiċi.

Il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Singapore huma tal-istess fehma li r-rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija kummerċjali rispettivi tagħhom se jippermetti li jiġu pprovduti benefiċċji lill-operaturi ekonomiċi li investew fis-sigurtà tal-katina tal-provvista tagħhom u li ġew iċċertifikati taħt il-programmi ta' sħubija kummerċjali rispettivi.

L-att previst jikkostitwixxi l-bażi legali għar-rikonoxximent reċiproku bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore tal-programmi ta' sħubija kummerċjali rispettivi tagħhom.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1976 tas-17 ta' Ottubru 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit bil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ (ĠU L 271, 19.10.2022, p. 17).

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Doganali fir-rigward tal-adozzjoni tal-att previst għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’ isem l-Unjoni f’ sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*”.

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”³.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat għall-Kummerċ huwa korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta’ Singapore.

L-att li l-Kumitat Doganali huwa mistieden jadotta jikkostitwixxi att b’effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali b’konformità mal-Artikolu 16.4, il-paragrafu 1, moqri flimkien mal-Artikolu 6.17, il-paragrafu 2, tal-Ftehim.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn mill-għan u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun inċidentali biss, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissegjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

³ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat Doganali se jkun applikabbli miż-żewġ Partijiet, inklużi l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, jixraq li dan jiġi ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Doganali stabbilit skont il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar ir-rikonossiment reċiproku tal-Programm Secure Trade Partnership Plus ta' Singapore u tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1875⁴.
- (2) L-Artikolu 6.3 tal-Ftehim jistieden lill-Partijiet jistabbilixxu, fejn xieraq, ir-rikonossiment reċiproku tal-programmi ta' sħubija kummerċjali, inklużi aspetti bħat-trażmissjoni tad-data u l-benefiċċji miftiehma b'mod reċiproku.
- (3) Skont l-Artikolu 6.17, il-paragrafu 2, u l-Artikolu 16.4, il-paragrafu 1, tal-Ftehim, il-Kumitat Doganali jista' jadotta deċiżjonijiet dwar ir-rikonossiment reċiproku ta' programmi ta' sħubija kummerċjali.
- (4) Il-Kumitat Doganali, matul it-tieni laqgħa tiegħu fl-2026, jew permezz ta' proċedura bil-miktub jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk, irid jadotta d-deċiżjoni dwar ir-rikonossiment reċiproku tal-Programm Secure Trade Partnership Plus ta' Singapore u tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Doganali, peress li d-deċiżjoni dwar ir-rikonossiment reċiproku tal-Programm Secure Trade Partnership Plus ta' Singapore u tal-Programm tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati tal-Unjoni Ewropea se tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (6) Is-sigurtà, is-sikurezza u l-faċilitazzjoni tal-katina tal-provvista tal-kummerċ internazzjonali jistgħu jittejjbu b'mod sinifikanti permezz tar-rikonossiment reċiproku tal-programmi ta' sħubija kummerċjali rispettivi, jiġifieri l-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea u l-Programm Secure Trade Partnership Plus tar-Repubblika ta' Singapore.
- (7) Iż-żewġ programmi ta' sħubija kummerċjali rispettivi huma bbażati fuq standards ta' sigurtà rikonossuti internazzjonalment irrakkomandati mill-Qafas ta' Standards li

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1875 tat-8 ta' Novembru 2019 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (ĠU L 294, 14.11.2019, p. 1).

Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali adottat mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali f'Ġunju 2005 ("il-Qafas SAFE").

- (8) Iż-żjarat fuq il-post u evalwazzjoni konġunta tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea u tal-Programm Secure Trade Partnership Plus tar-Repubblika ta' Singapore żvelaw li l-istandards tal-kwalifiki tagħhom għal skopijiet ta' sigurtà u ta' sikurezza huma kompatibbli u jwasslu għal riżultati ekwivalenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa tal-Kumitat Doganali skont il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku tal-Programm Secure Trade Partnership Plus ta' Singapore u tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Doganali mehmuż.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*